# QORTI TAL-KUMMERĊ
# IR-RABA' PARTI

**9 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.(Hist.)S.**

Albert Bartolo

*versus*

Victor Calleja *noe*

## Bejgħ - Klawsoli Kontrattwali - Derogazzjoni mid-Disposizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Bejgħ

*F'din il-kawża l-Qorti eżaminat klawsola kkontenuta fuq* invoices *tal-bejjiegħ li stipulat, fir-rigward ta' konsenja ta' materjal, li* no claims accepted after three days from delivery note. *Il-Qorti kkonkludiet illi l-frażi* de quo *m'għandhiex valur li torbot lix-xerrej.*

*Il-Qorti rrilevat li in kwantu jsir u jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet kontraenti li* claim *għandha ssir f'terminu qasir u perentorju u f'perijodu iqsar minn dak stipulat mil-liġi ordinarja, b'dan fih innifsu mhuwiex illeċitu jew illegali. B'danakollu f'każijiet bħal dawn irid jirriżulta mingħajr ekwivoku li kien hemm proposta, aċċettazzjoni u ftehim ta' tali klawsola derogattiva. Fl-istess waqt ix-xerrej għandu l-obbligu li jivverifika l-kundizzjoni u l-kwalita' ta' l-oġġett ikkonsenjat bid-diliġenza li tinkombi fuq u tispetta lil* bonus pater familias *u għalhekk kull traskuraġni u negliġenza da parti tiegħu taħt dana l-*

*aspett għandu jwieġeb għaliha huwa stess u mhux il-konsenjant.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur għandu jieħu mingħand il-konvenut *nomine* s-somma ta' elf, seba' mija u tnejn u għoxrin lira maltija wieħed u sebgħin ċenteżmu u erba' milleżmi (Lm1,722.71,4), bilanċ ta' prezz ta' *fusible interlining, polyester/vin material u sewing-threads*, lilu mibjugħa u kkonsenjati;

*Omissis*;

Premess illi għalkemm interpellat biex iħallas dan il-bilanċ dovut minnu, il-konvenut *nomine* baqa' ma ħallas xejn;

Talab li l-istess konvenut *nomine* jgħid, għar-raġunijiet premessi u ddispensat is-smigħ tal-kawża skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u in vista tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur hawn annessa u mmarkata Dok. X, għaliex dina l-Qorti m'għandhiex;

Tikkundanna lill-istess konvenut *nomine* jħallas lill-attur is-somma ta' Lm1,722.71,4 kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri bonarji tat-30 ta' April, 1982, ta' l-1 ta' Mejju, 1982, tat-13 ta' Mejju, 1982 u tat-28 ta' Ġunju, 1982 u dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Marzu, 1982, kontra l-konvenut *nomine*;

Bl-imgħaxijiet legali mill-1 ta' Marzu, 1982;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Victor Calleja bħala Direttur u in rappreżentanza tal-kumpannija *Yorkie Clothing Industries Limited* li biha jeċċepixxi:

Illi t-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex l-attur ikkonsenja l-materjal ta' *fusible, interlining, polyester/vin material* u *sewing threads* difettużi tant li l-istess attur kien iddiskuta mal-konvenut *nomine* u ra d-difetti fil-materjal ikkonsenjat li jirreka danni lill-konvenut *nomine*;

Illi bħala riżultat tal-materjal difettuż, il-konvenut sofra u qed isofri danni konsidervoli peress illi l-ilbiesi li fihom huwa uża l-materjal qed jiġu rritornati u biex jirranġahom huwa qed ikollu joftoqhom u jissostitwixxi l-partijiet difettużi;

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;

Illi għall-finijiet tat-talbiet rikonvenzjonali, talab li l-konvenut jgħid għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara li l-materjal jew parti minnu mibjugħ u fornut mill-attur lill-konvenut kien difettuż u mhux adatt għax-xogħol li għalih kien intenzjonat u;

Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut minħabba l-imsemmi difett u;

Tikkundana lill-attur iħallas lill-konvenut l-ammont ta' danni hekk likwidati, prevja okkorrendo - nomina ta' periti *nominandi*;

Bl-ispejjeż kontra l-attur;

Rat ukoll in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Albert Bartolo għar-rikonvenzjoni li biha jeċċepixxi:

Illi l-kontro-talba tal-konvenut *nomine* hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u hija intiża biss bħala pretest sabiex huwa ma jħallasx id-dejn ta' Lm1,722.71,4 lill-attur;

Illi dina l-Qorti għandha tgħaddi minnufih biex tiddeċidi fuq it-talba ta' l-attur billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine*;

Illi mhux minnu li l-materjal ikkonsenjat mill-attur lill-konvenut *nomine* kien difettuż, iżda d-difett li żviluppa kien unikament ikkaġunat minn xogħol ħażin, cjoe` *uneven pressure* fil-proċess tal-*fusing*, da parti ta' min għamel dan ix-xogħol;

Illi l-attur fl-ebda mument ma aassuma xi responsabbilita`;

Illi mhux minnu li l-konvenut *nomine* ressaq xi lment dwar *polyester/vincel material* u ħjut, iżda l-ilment tal-konvenut *nomine* kie limitat għall-kwalita` waħda ta' *interlining*;

Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenut *nomine* illum mhuwiex aktar f'posizzjoni li jagħmel *claim* stante li fuq kull waħda mit-tlettax (13)-il *invoice* aċċettati u ffirmati mill-konvenut *nomine* hemm klawsola fis-sens illi *no claims accepted after three days from delivery date*;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda tagħhom flimkien mad-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża u senjatament ir-relazzjoni peritali li ġiet ippreżentata mill-perit legali minnha nnominat u li hija għalissa limitata u ċirkoskritta għall-eċċezzjoni numru sitta (6) ssollevata mill-attur għat-talbiet rikonvenzjonali proposti mill-konvenut *nomine* u dan bi qbil bejn il-kontendenti a tenur tal-verbal magħmul fis-seduta tas-27 ta' Frar, 1986;

Rat ukoll in-nota ta' riferenzi ppreżentata mill-attur għal dina r-relazzjoni;

Ikkunsidrat li fil-qosor f'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob ħlas bilanċjali għall-konsenja ta' merkanzija kkonsenjata lill-konvenut *nomine*. Min-naħa tiegħu, l-konvenut *nomine* qiegħed *inter alia* jeċċepixxi u jallega li l-materjal supplit, jew parti minnu, kien difettuż u konsegwentement ġie li l-konvenut *nomine* sofra danni għal liema avvanza kontra-talba;

Illi fost l-eċċezzjonijiet issollevati mill-attur għal din it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut *nomine*, l-attur *nomine* eċċepixxa li l-konvenut *nomine* kien iddekada mid-dritt li jagħmel *claim* stante li m'għamilx *claim* fi żmien tlett ijiem mid-data tal-konsenja u dan a bażi tal-kliem riportati fuq l-*invoices* relattivi u ċjoe' li:

*no claims accepted after three days from delivery note*;

Illi wara li sema' l-provi prodotti u d-diversi dokumenti relattivi li ġew esebiti fil-kors tas-smigħ tal-kawża, il-perit ġudizzjarju wasal għall-konklużjoni li l-frażi *de quo* m'għandhiex valur li torbot lill-

konvenut u għalhekk l-attur ma jistax jibbaża xi dritt jew eċċezzjoni fuqha u għalhekk l-eċċezzjoni relattiva għandha tiġi miċħuda;

*Per via* ta' kritika, l-attur irrifera għal żewġ sentenzi mogħtijin mill-Qorti ta' l-Appell, waħda fil-kawża fl-ismijiet **J. Felice Pace *noe vs* A. Mizzi *nomine*** tat-22 ta' *Jannar, 1992 u l-oħra* **J. Attard *nomine vs* Direttur ta' l-Edukazzjoni** ta' l-4 ta' Novembru, 1992;

Il-Qorti tibda biex tirrileva li in kwantu jsir u jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet kontraenti li *claim* għandha ssir f'terminu qasir u perentorju u f'perijodu iqsar minn dak stipulat mil-liġi ordinarja, b'dan fih innifsu mhuwiex illeċitu jew illegali. Madanakollu huwa aktar minn ovvju li f'każijiet bħal dawn, irid jirriżulta mingħajr ekwivoku li kien hemm proposta, aċċettazzjoni u ftehim ta' tali klawsola derogattiva. Taqbel ukoll, kif qalet it-tieni deċiżjoni msemmija mill-attur fin-nota tiegħu ta' riferenzi li x-xerrej għandu l-obbligu li *jivverifika l-kundizzjoni u l-kwalita` ta'* l-oġġett ikkonsenjat bid-diliġenza li tinkombi fuq u tispetta lil *bonus pater familias*, u għalhekk kull traskuraġni u negliġenza da parti tiegħu taħt dana l-aspett għandu jwieġeb għaliha huwa stess u mhux il-konsenjant;

Il-konvenut jiċħad li huwa assoġġetta ruħu għal ftehim għal tali klawsola. L-attur, in sostenn esebixxa kopja <u>fotostatika</u> ta' diversi *invoices* - ara Dok. A sa Dok. M - a fol. 5 sa fol. 17 tal-proċess - li fuqhom tidher il-firma ta' xi ħadd "Calleja" - presumibbilment dik tal-konvenut *nomine* - u fuq dawn l-*invoices* <u>in parte illeġibbli</u> *hemm timbru stampat ċkejken fuq in-naħa tax-xellug, in-naħa ta'* fuq bil-kliem "*no claims accepted after three days from delivery date*". Il-Qorti tirrileva li fl-*invoices* Dok. C fol. 7; Dok. D fol. 8; Dok. E fol. 9; Dok. H fol. 12, Dok. I fol. 13, Dok. J. fol. 14; Dok.

K fol. 15 - dawn il-kliem nofshom jidhru u jinqraw u n-nofs l-ieħor ma jinqrawx għax mhumiex stampati. Minbarra dan, fl-aħħar *invoice* - Dok. M fol. 12, dawn il-kliem ma jidhrux. Illi, da parti dana kollu, l-attur xehed espressament - ara d-deposizzjoni tiegħu tal-31 ta' Ottubru, 1984 - li qatt ma kien sar diskors fuq tali klawsola, anzi jgħid li lanqas biss qatt issemmiet. Minbarra dan, irriżulta wkoll li l-ordnijiet kienu jsiru u saru fuq medda ta' snin bejn il-kontendenti. Jirriżulta inoltre li l-konvenut *nomine* ma kienx jagħmel użu mill-ewwel ta' din il-merkanzija imma ħtieġlu li jżomm *stock* dejjem malignu. Lanqas ma jirriżulta mill-provi li dawn l-*invoices* ġew iffirmati mill-konvenut *nomine* imma minn uliedu, li ma kinux parti mill-ftehim verbali li talvolta jkun sar bejn l-attur u l-konvenut *nominc*;

Kif ġustament ġie rrilevat mill-perit ġudizzjarju - ara para. 3 u 4 tar-relazzjoni fol. 143 - bejgħ jitqies li ġie konkluż hekk kif il-partijiet jiftehmu u jaqblu dwar l-oġġett u l-prezz, skond ukoll l-artikolu 1347 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-ftehim li dwaru tnisslet din il-kawża, ma jirriżultax li l-konvenut *nomine* kien aċċetta tali klawsola addizzjonali kif pretiż mill-attur u għalhekk dina tikkostitwixxi biss aġġunt addizzjonali u unilaterali li torbot biss lil naħa waħda u mhux lit-tnejn;

Il-perit ġudizzjarju kkonsidra li (ara para. 4);

"Fil-każ in eżami mill-provi prodotti ma jirriżultax illi waqt il-kontrattazzjoni u ftehim saret xi referenza għall-frażi in eżami u għalhekk wisq anqas wieħed jista' jasal biex jgħid illi ġiet espressament miftehma. Il-fatt illi din il-frażi kienet ġa' għal żmien qabel il-bejgħ in kwistjoni qed tkun stampata b'timbru fuq il-fatturi/ *delivery notes* ma jwassalx għall-konklużjoni illi din il-frażi kienet

awtomatikament tifforma parti mill-kondizzjonijiet tal-bejgħ. Huwa anzi inverosimili illi fit-tip ta' negozju tal-konvenut (*nomine*), fejn kif xehed hu stess ikun meħtieġ illi wieħed ikollu materjal *in stock* sabiex jużah meta jkun hemm bżonn, materjal illi kien ġa' għand l-attur stess għal ċertu żmien, illi din il-frażi kienet tkun raġonevolment aċċettabbli ... rinunzja bħal din trid tkun ċara, espressa u inekwivokabbli, u fuq kollox fl-intenzjoni taż-żewġ partijiet;

Il-Qorti hija konkordi pjenament ma' dak li ġie kkostatat u konkluż mill-perit legali;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi tiċħad is-sitt (6) eċċezzjoni ssollevata mill-attur għall-kontro-talba tal-konvenut bl-ispejjeż relattivi kontrih u tordna bil-prosegwiment tal-kawża fuq il-bqija tal-vertenza.